MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Numru. 887/2002

**Artikolu 3 u 5 tal-Kap 61, artikolu 189 tal-Kap 9,**
**artikolu 32(1c) 14 u 15 tal-Kap 217**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
**Spettur Neville Xuereb**
**V**

**ALI KANAAN**

**Seduta ta' llum 25 ta' Ottubru 2002**

**Il-Qorti;**
Rat l-imputat **ALI KANAAN** ta' nazzjonalita Sirjana bin Kanaan u Hasina imwieled Sukhna fil-hdax ta' Lulju, 1970 u detentur ta' passaport numru 3340322 gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur qabel l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2002 f'diversi postijiet f'Malta, ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport

jew uza jew kellu ghandu passaport li kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument ffalsifikat.

Talli fl-istess data u cirkostanzi, dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghal finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni  ta jew gieghel li jinghata xi prospett alz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz.

Talli fl-istess data u cirkostanzi, ircieva passaporti li gew trasferiti lilu minn persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-konfront tal-imputat minbarra tinfliggi l-piena skond il-ligi, f’kaz ta’ htija, tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala mmigrant projbit u tordna li jinhareg Ordni ta’ tnehhija kontra tieghu a tenur ta’ l-Artikolu 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-Ligi partikolarment l-artikolu 3 u 5 tal-Kap 61, artikolu 189 tal-Kap 9, l-artikolu 32(1c) 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux bzonn assistenza legali.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni ghal akkuzi kif addebitati lilu kif registrat fil-verbal tas-seduta ta' llum stess.

Rat li wara li l-Qorti taghtu zmien sabiex jekk irid, jirtira l-ammissjoni tieghu pero dan nonostante hu zamm ferm l-fehma tieghu li jirregistra ammissjoni.

Ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m’ghandiex triq ohra salv li ssib l-imputat hati tal-akkuzi odjerni.

**Ghalhekk tiddikjara li qed ssib lil ALI KANAAN hati ta’ l-akkuzi kif addebitati lilhu, u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal sentejn b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**In oltre, ai terminu ta' l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tordna li tinhareg Ordni ta' tnehhija kontra tieghu.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car is-sinifikat ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti processwali jintbaghtu lill-Avukat Generali in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**